XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 450***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 78***
***L-Erbgħa 28 ta' Novembru 2012 fis-12:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-12:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella - Vici-Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Marthese Portelli - Assenti*

--------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **Minuti 448 u 449**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 448 u 449 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **Offerti**

   i. Offerta ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista
   Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm erbgħa offerti. Is-Sindku ddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarġet mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-offerti kienu:- GV Gozo Developments – 58,190euro, Peter Paul Said- 51,426.85euro, Simon Sultana – 57,823.10euro, Patrick & Dominic Refalo – 45,458.25euro.

   Kien Preżenti il-Perit Saliba u qal li l-orħos tnejn li kienu ta' Peter Paul Said u ta' Patrick & Dominic Refalo għandhom prezzijiet fuq item 20 fil-BOQ li mhumiex relastiċi. Il-Perit issuġerixxa li għandha tintgħażel it-tielet offerta li hi ta' Simon Sultana. Il-Kunsill qabel li l-Perit għandu jagħmel rapport fuq l-offerti dwar dawn

XEWKIJA

il-punti. Il-Kunsill ser jiddiċiedi fil-laqgħa li jmiss u jara sew il-kampjuni fil-preżenza tal-Perit Saliba.

ii. Offerta għall-Provista ta' Monitoraġġ ta' Sigurta' u Saħħa fuq ix-xogħol waqt il-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.

Is-Sindku ġiet infurmata li tista' terga' tidħol għal-laqgħa. Is-Sinku regget dahlet ghal laqgha.

Il-Kunsill fetaħ l-offerti u kien hemm offerta waħda. Is-Sindku ddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarġet mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-Offerti kienu :-Victor Vella - €4,600

Il-Kunsill qabel li meta tittieħed deċiżjoni fuq l-Offerta ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista l-Kunsill jieħu deċiżjoni fuq din l-offerta dak inhar ukoll.

iii. Offerta għal bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ fil-Ġnien ta' Blankas.

Is-Sindku ġiet infurmata li tista' terga' tidħol għal-laqgħa. Is-Sinku regget dahlet ghal laqgha.

Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm żewġt offerti. Is-Sindku ddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarġet mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-Offerti kienu:- GV Gozo Developments Co Ltd - € 11,328 u V&M Vella Imports Ltd- €19,454.78.

Is-Segretarja avzat lil Kunsill li l-Kumpanija GV Gozo Developments talab jekk jistax iwwaqqal-offerta tieghu. Is-Segretarja nfurmat lil Kunsill li l-ligi tghid li "Offerta m'ghandiex tigi modifikata, iritirata jew kancellata mill-offerent ghal-disghin (90) gurnata kalendarja wara z-zmien ta' gheluq u l-offerent ikun hekk jaqbel meta jissomttomentti l-offerta tieghu" . Il-Kunsill qabel li ma jistax jirtira l-offerta tieghu perezz li l-ligi tghid hekk.

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta ta' GV Gozo Development bi prezz ta' 11,328 euro.

iv. Offerta għall-instalazzjoni ta' servizzi mekkanici u elettrici fil-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.

Is-Sindku ġiet infurmata li tista' terga' tidħol għal-laqgħa. Is-Sinku regget dahlet ghal laqgha.

Il-Kunsill fetaħ  l-offerti kien hemm offerta waħda:- General lifts Ltd – 37,659,33 euro. Il-Perit Saliba qal li għad m'għandux rapport lest mingħand l-esperti l-oħra u l-Kunsill ghalhekk ma setgħax jieħu deċiżjoni fuq din l-offerta f'din il-laqgħa.

v. Offerta tat-Tindif tat-Toroq

Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm offerta waħda:- Joseph Attard c/o Xewkija Tigers Football 11,640 euro. Peress li għandna ħafna lmenti dwar in-nuqqas ta' tindif fir-raħal, u l-offerta hija ta' l-istess kuntrattur, il-Kunsill għazel din l-offerta izda l-kuntratt ikun għal sitt xhur bil-possibilita' li jerga' jiġġedded għall sitt xhur oħra.

## 5. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fl-11:00 p.m.

Sue-Ellen Bugeja — Segretarju Eżekuttiv

Dr Monica Vella — Sindku